# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera

## 8 LEĠISLATURA

### Laqgħa Numru 79

It-Tnejn, 20 ta' Novembru, 2017

Il-Kunsilli Lokali Santa Venera ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Uffiċċju Amministrattiv, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera, fis-6.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Stephen Sultana – Sindku
Is-Sur Jonathan Brimmer – Viċi Sindku
Is-Sa Elizabeth Vella – Kunsillier
Is-Sur Silvio Vella – Kunsillier
Is-Sur Jason Mangani – Kunsillier
Is-Sur Horace Anastasi – Kunsillier
Is-Sur Darren Carabott – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Ħadd

ASSENTI

Is-Sur Gianluca Falzon – Ambaxxatur taż-Żgħażagħ

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Jane Yvonne Spiteri – Segretarju Eżekuttiv
Mr Michael Debono - Accountant

## Minuti

Is-Sindku is-Sur Stephen Sultana ppresjeda l-laqgħa.

## 79.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

79.1.1 Ma kienx preżentati ittri ta' apoloġija.

## 79.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

79.2.1 Il-minuti tal-laqgħa Numru 75 (ħamsa u sebgħin) li saret fis-20 ta' Novembru, 2017 ttieħdu bħala moqrija u ġew approvati unanimament.

## 79.2.2 Korrezzjonijiet

79.2.2.1 Minuta 75.5.2 - Titneħħa l-kelma "ta-Għażla" u tiżdied il-kelma "tal-Għażla"

## 79.2.2 Punti mqajma mill-minuti

79.2.2.1 Minuta 75.2.4 – Is-Sindku informa lill-membri li ġejna infurmati mir-Reġjun Ċentru li d-data sabiex jitlesta x-xogħol fi Triq il-Qalb Imqaddsa, ġie estiż sal-aħħar ta' Frar, 2017.

79.2.2.2 Minuta 75.2.6 – Is-Sindku informa lill-membri li s-Sur Wilson Mifsud baqa' ma ppreżentax il-*logbook* tal-vettura li qed juża biex jiġbor l-iskart skont kif kien ġie mitlub waqt il-laqgħa formali li saret fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera nhar it-Tnejn 11 ta' Settembru, 2017. Għaldaqstant, is-Sindku ppropona li terġa tintbagħat *default notice* u jitnaqqsu 5% mill-pagament. Is-Sur Jason Mangani ssekonda din il-proposta.

Il-membri qablu unanimament.

Fis-6.40 ta' filgħaxija wasal il-Viċi Sindku Jonathan Brimmer u ngħaqad mal-kumplament tal-membri.

79.2.2.3 Minuta 75.4.4 – Is-Sindku informa lill-membri li s-Sa Dolores Bonello, is-*supervisor* tad-*Day Centre* flimkien mas-Sur Richard Attard, ix-xufier tal-*minibus,* ftehmu li jżidu vjaġġ ieħor fil-ġimgħa, mingħajr l-awtorizazzjoni tal-Kunsill. Dan il-vjaġġ żejjed diġà sar darbtejn. Is-Sindku ssuġġerixxa li kemm is-Sa Dolores Bonello kif ukoll is-Sur Richard Attard jiġu msejħa l-Kunsill separatament għal laqgħa formali sabiex inkunu nafu minn ta l-awtoriżżazzjoni sabiex jiżdied vjaġġ ieħor fil-ġimgħa. Is-sur Jason Mangani ssekonda u offra li jkun preżenti għal din il-laqgħa. Sadanittant, il-vjaġġi żejda li saru mhumiex ser jitħallsu mill-Kunsill. Sar qbil li l-vjaġġ żejjed jibda mil-5 ta' Diċembru, 2017.

Il-membri qablu unanimament.

79.2.2.4 Minuta 75.4.5 – Is-Sindku informa lill-membri li ser jiltaqa' mas-Sur Joel Winters u r-Rettur tal-Kulleġġ Saint Elias, Fr. Jurgen Cucciardi, fil-preżenza tal-Kunsillier is-Sur Jason Mangani. Hemm il-ħsieb li s-Sur Joel Winters jipprovdi l-*fitness classes* filwaqt li l-*gym* jinkera mill-Kunsill għal sena sabiex ikun jista' jintuża wkoll mir-residenti. Issir *Letter of Intent* kif ukoll *Letter of Agreement* f'dan ir-rigward.
Il-membri qablu unanimament.

79.2.2.5 Minuta 75.5.2.1 – Is-Sindku informa lill-membri li żewġ membri mill-Kumitat tal-Għażla, is-Sur Dario Bezzina kif ukoll is-Sur Anthony Attard ser jiġu mibdula minħabba nuqqas ta' attendenza u saqsa lill-membri jekk kellhomx il-ħsieb li jinnominaw lil xi membri ġodda. Is-Sindku ssuġġerixxa li javviċinaw lis-Sur Edward Duncan u lis-Sur Mark Borg filwaqt li s-Sur Horace Anastasi ssuġġerixxa li javviċinaw ukoll lill-Professur Raymond Mangion.

Il-membri qablu unanimament.

79.2.2.6 Minuta 75.5.2.2 – Is-Sindku informa lill-membri li d-dokumentarju li sar għal Ġieħ Santa Venera ser jiġi elaborat u irfinut kif ukoll jitwal aktar.

Il-membri qablu unanimament.

79.2.2.7 Minuta 75.5.3 – Is-Sindku informa lill-membri li l-Villaġġ tal-Milied ser isir fis-16 ta' Diċembru, 2017 biss. Dan sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż għaliex il-budget ta' €5,000 ser jinqabeż.
Is-Sindku informa lill-membri li l-attivita' tal-Istrina li għandha ssir quddiem il-parlament fil-Belt Valletta ser issir mit-13 sas-16 ta' Diċembru, 2017 u mhux ser issir parteċipazzjoni mill-għaqdiet.

79.2.2.8 Minuta 75.5.6 – Is-Sindku informa lill-membri li l-dawl dekorattiv tal-Milied ser jixgħel fit-tieni ġimgħa ta' Diċembru, 2017 u jibqa' mixgħul sal-Epifanija.

79.2.2.9 Ilment 590 – Tarmak baxx taħt bankina, quddiem bieb ta' garaxx numru 23, Triq Emmanuel Attard. Skond il-Contracts Manager dan ix-xogħol irid isir mill-kuntrattur tal-Kunsill.
Ilment 596 – Jitranġaw ħofor li hemm fi Triq Reġjonali kantuniera ma' Triq is-Soll. Din it-Triq issir bil-*hot asphalt* aktar 'il quddiem.

## 79.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

79.3.1 Is-Sindku informa lill-Membri li ser noħorġu *tenders* ġodda, tas-servizz tal-Perit, u s-servizz tal-Ftuħ u għeluq tal-ġonna li ser jinkorpora fih ukoll il-ġnien San Ġorġ Preca.

Is-Sindku informa lill-membri wkoll li l-*tender* tal-knis ġie appellat minn Owen Borg u bħalissa qiegħed quddiem il-Bord tal-Kuntratti. Il-kawża ser tinstema' fit-28 ta' Novembru, 2017. Għal din il-laqgħa jistgħu jattendu l-Bord tal-Aġġudikazzjoni kif ukoll membri tal-Kunsill li jixtiequ jattendu. Ser ikun preżenti s-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, kif ukoll l-avukat tal-Kunsill. Jekk jirriżulta li l-kawża titwal, il-Kunsill ma jkollux għażla oħra ħlief li tinħareġ *Expression of Interest,* sakemm is-sitwazzjoni tiġi riżolta, anke minħabba l-fatt li s-servizz tal-knis għadu f'idejn Owen Borg.

Il-Membri qablu unanimament.

Is-Sindku informa lill-membri li dalwaqt ser jiġi finalizzat ukoll il-kuntratt tad-dawl tat-toroq.
Ser isir kuntratt ġdid ieħor tal-istampar tar-rivista l-Akwidott.
Ser isir ukoll kuntratt għal 3 snin għad-dwal dekorattiv tal-Milied.
Jiġġedded il-ftehim mal-Greenpak.
Jiġi ffirmat il-kuntratt taċ-Ċentru ta' Matul il-Jum.

Il-membri qablu unanimament.

79.3.2 Is-Sindku informa lill-membri li l-Contracts Manager, Is-Sur Raphael Carabott għamel rapport dettaljat rigward is-servizz tal-knis. Filwaqt li rrapporta li l-knis qed isir skont l-iskeda u b'żewġ ħaddiema, imma l-qtugħ tal-ħaxix ħażin, u tbattil tad-*dustbins* u l-*litter bins* mhux qed isiru b'mod regolari. Għaldaqstant, tinħariġlu ittra uffiċċjali li jekk mhux ser jikkoopera, ser tinħariġlu *Default Notice.*

Il-membri qablu unanimament.

79.3.3 Is-Sindku informa lill-membri li rċevejna komunikat mid-Direttur tal-Gvern Lokali dwar l-Inizjattiva tar-Restawr tal-postijiet Storiċi. L-applikazzjoni tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera ġiet skwalifikata għaliex ġie kkwotat li f'dawn l-aħħar 3 snin, il-Kunsill Lokali ta' Santa Venera kien diġà bbenefika minn fondi ta' Restawr. Is-Sindku informa lill-membri li huwa kiteb lid-direttur fejn għarrfu li l-Kunsill Lokali ta' Santa Venera qatt ma bbenefika minn tali fondi. Sadanittant, il-Kunsill qed jistenna r-risposta mingħand id-Direttur.

79.3.4 Is-Sindku informa lill-membri li nhar il-Ħadd 17 ta' Diċembru, 2017 għall-ħabta ta' 1.00pm ser issir l-ikla tal-Milied li ser issir fir-restorant 'Tal-Familja' ġewwa Wied il-Għajn.

79.3.5 Ser issir ukoll bibita li jorganizza s-Sindku f'data li ser tiġi mħabbra aktar 'il quddiem.

79.3.6 Is-Sindku informa lill-membri li nhar it-Tlieta id-19 ta' Diċembru, 2017 ser tiġi organizzata l-banda tal-Milied li ser iddur mat-toroq tar-raħal. Din ser tiswa €1,000.

Il-membri qablu unanimament.

## 79.4 *Rapporti/Korrispondenza*

79.4.1 Is-Sindku informa lill-membri li rċevejna notifika mingħand *Leon Productions* fejn saqsewna jekk aħniex interessati li norganizzaw xi attivita' għall-Karnival. Il-programm jiswa €690 inclus il-VAT.

Il-membri qablu li għandna nipparteċipaw f'din l-attivita'.

79.4.2 Is-Sindku informa lill-membri li rċevejna ittre mingħand Is-Sur Philip Cachia, il-Health and Safety coordinator tal-kumpanija *Methode Electronics*, fejn qed jistieden lill-Kunsill Lokali ta' Santa Venera għal-laqgħa sabiex tiġi organizzata *Clean-Up* jew xi attivita' oħra. Is-Sindku ssuġġerixxa li jattendi għal dan il-laqgħa fejn huwa jfakkarhom fl-inkonvenjent li qed isofru ir-residenti tal-akkwata tal-fabbrika *Methode Electronics* kemm bħala parkeġġ, irwejjaħ kif ukoll ħruġ tal-ilma. Is-Sur Jonathan Brimmer issuġġerixxa li jinżebaħ il-ħajt ta' madwar l-imsemmija fabbrika u li jħares faċċata tar-residenzi għaliex dan baqa' ma nzebaħx. Is-Sur Darren Carabott issuġġerixxa li tittella' xi attività ambjentali bħal *Car Free Day* jew fuq ħela ta' ilma u ssir bil-kollaborazzjoni taż-żewġ entitajiet. Is-Sindku ser jilqa' l-istedina għal din il-laqgħa.

Il-membri qablu unanimament.

79.4.3 Is-Sindku informa lill membri li rċevejna komunikat mingħand il-*Malta Society of the Blind* fejn dawn qed jgħidu li l-*parking bay* li hemm allokata għalihom fi Triq Brighella, qed tkun okkupata. Qed jitolbu li dan il-post ikun allokat għal persuni bi *Blue Sticker*. Il-membri qablu unanimament li tintbagħtilhom

ittra sabiex huma jelaboraw il-ħinijiet u l-ġranet tal-uffiċċju u meta jsiru l-laqgħat sabiex jiġu akkomodati kemm huma kif ukoll ir-residenti.

## 79.5 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

79.5.1 Is-Sindku stieden lill-Accountant is-Sur Michael Debono sabiex jagħti l-ispjegazzjonijiet tiegħu lill-Membri tal-Kunsill.

Is-Sur Debono spjega fid-dettal il-*Quarterly Financial Report – September, 2017* lill-Membri tal-Kunsill.

Wara diskussjoni s-Sindku ppropona l-*Quarterly Financial Report – September, 2017* filwaqt li s-Sur Silvio Vella ssekonda lis-Sindku. Il-membri kollha vvutaw favur dan ir-rapport u ma kienx hemm astenzjonijiet jew voti kontra.

79.5.2 Is-Sindku informa lill-membri l-*item tas-CCTV's* ser jiġi diskuss mal-mozzjoni.

Fil-8.30 pm is-Sa Elizabeth Vella ġiet skużata għall-kumplament tal-laqgħa.

79.5.3 Is-Sindku informa lill-membri li għat-*Tender* tal-Palazz l-Aħmar ġew mitfugħa 7 (seba') *Tenders.* Wieħed minnhom kien doppju, bl-istess ammont u mill-istess kuntrattur. It-*Tenders* mitfugħa kienu mingħand (skont l-ordni li ħarġu fix-*schedule)*:

1. Delta Projects €297,114
2. Green Skips Services Ltd €424,165
3. Linda Renda Tekne €281,695
4. E.R.G. Limited €330,446
5. Road Maintenance Services Ltd €376,295
6. Polidano Bros. €295,000

Dan it-Tender ġie evalwat bil-proċedura tal-EPPS u għaldaqstant trid tingħażel l-irħas offerta li f'dan il-kas kienet ta' Linda Renda Tekne ta €281,695. Il-bord tal-aġġudikazzjoni ra li din l-offerta hija konformi mar-rekwiżiti tat-*Tender.* Il-*budget* tal-Kunsill għal dan il-proġett kien ta' madwar €252,000. Il-proġett ser ikun iffinanzjat minn Fondi tal-UIF, fondi tal-*Housing Authority* kif ukoll minn fondi li ser nirċievu minn *3rd party.* Il-Kunsill, għal dan il-proġett, ser joħroġ il-kumplament li jammonta għal madwar €30,000. Il-Perit ser jevalwa u jiċċertifika li din l-offerta hija valida u li din il-kumpanija hija *compliant* mar-rekwiżiti tat-*Tender.*

Il-membri qablu unanimament.

## 79.6 Mozzjonijiet

79.6.1 Is-Sindku stieden lill-membru tal-Kunsill is-Sur Darren Carabott sabiex jaqra l-mozzjoni li ppreżenta huwa stess "Negħlbu l-Kriminalita'". Is-Sur Darren Carabott sostna li l-mozzjoni kien fiha r-rekwiżiti kollha biex tissejjaħ laqgħa b'urġenza għax il-liġi ma tispeċifikax jekk tridx tkun imniżżla bil-kitba jew jekk hux bil-verbal u saqsa min kien li rrifjuta l-laqgħa b'urġenza. Is-Sindku rrimarka li fl-ebda stadju ma

rrifjuta l-laqgħa b'urġenza in vista li din qatt ma ntalbet skont il-mozzjoni kif ġiet ippreżentata oriġinarjament mill-kunsilliera Darren Carabott, Horace Anastasi u Elizabeth Vella. Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-membri tal-Kunsill, is-Sa Elizabeth Vella u is-Sur Horace Anastasi.

Is-Sur Darren Carabott sostna li r-residenti ta' Santa Venera mhux qed iħossuhom protetti u siguri fil-lokalita' minħabba kriminalita' u imġieba anti-soċjali. Għaldaqstant elenka diversi suġġerimenti fosthom:

1. Li titwaħħal sistema ta' *CCTV's* madwar it-toroq ta' Santa Venera biex ikunu jistgħu jintużaw kemm mill-Kunsill Lokali kif ukoll mill-Pulizija.
2. Jitwaħħlu CCTV's minn *Transport Malta* f'toroq minn fejn jgħaddi t-trasport pubbliku.
3. Jitwaħħlu avviżi tas-*CCTV cameras* bħala deterrent.
4. Isiru diskussjonijiet mal-Ministru tal-Intern u l-Pulizija sabiex isiru rondi bil-lejl kif ukoll terġa tibda tinfetaħ l-għassa tal-pulizija ta' Santa Venera.

Fl-aħħar nett is-Sur Darren Carabott talab li jsir pjan ta' sigurtà sabiex ir-residenti jkollhom is-serħan il-moħħ.

Is-Sur Darren Carabott staqsa għaliex ma saritx laqgħa b'urġenza sabiex tiġi diskussa speċifikament din il-mozzjoni. Is-Sur Darren Carabott ġie mfakkar li l-mozzjoni hekk kif kienet issekondata mis-Sa Elizabeth Vella u mis-Sur Horace Anastasi ma kienitx titlob għal laqgħa b'urġenza, iżda din ġiet miżjuda wara. Għaldaqstant din il-mozzjoni ġiet aċċettata għal-laqgħa li kien imiss.

Fir-risposta tiegħu għal din il-mozzjoni, is-sindku, is-Sur Stephen Sultana sostna li bħala prinċipju jaqbel miegħu anke għall-fatt li diġà kien hemm diskussjoni u qbil sabiex jiġu stallati numru ta' *CCTV's*. Is-Sindku iżda stenna li kellu jelenka fejn jistgħu isiru dawn is-*CCTV's*. Is-Sindku fakkar ukoll li l-Kunsill kien ħatar kunsillier biex ikun inkarigat mis-sigura' iżda dan id-dekasteru ma kienx ġie aċċettat u għaldaqstant baqa' amministrat mis-Sindku nnifsu.

Is-Sindku fakkar li inġabru diversi kwotazzjonijiet għal *CCTV's* u għaldaqstant ser tinħareġ *Expression of Interest*.

Is-Sindku qara u ppreżenta l-emenda għall-mozzjoni fejn fiha elenka li:

1. Is-sistema tas-CCTV's taħdem biss fejn ikun hemm il-kooperazzjoni sħiħa tal-pulizija sabiex jittieħdu passi kontra min ikun wettaq xi reat.
2. Diġà hemm żewġ *CCTV's*, waħda fi Triq il-Kbira San Ġużepp, u oħra fi Triq il-Kappillan Mifsud. Dawn huma amministrati mill-LESA u taw ir-riżultati mixtieqa. Hemm żewġ *CCTV's* oħra li huma fi Ġnien Romeo Romano u oħra fi Triq il-Parroċċa. Meta ttieħdu filmati minn dawn is-*CCTV's* sabiex jiġu eżaminati, qatt ma kien hemm riżultati mixtieqa.
3. Diġa saru diskussjonijiet u ttieħdet deċiżjoni mill-Kunsill Lokali li jinġiebu kwotazzjonijiet tas-*CCTV's* sabiex inkunu nafu kemm tiswa tali sistema.
4. Tintalab laqgħa mal-kummissarju tal-Pulizija sabiex titjieb u tissaħħaħ is-sigurtà f'Santa Venera.
5. Il-Kunsill għandu l-ħsieb li jinstalla 8 *CCTV's* oħra bi prova flimkien ma twaħħil ta' tabelli ta' avviżi fi Triq Reġjonali, Triq San Ġorġ kantuniera ma Triq il-Kanun, Triq Dun Xand Cortis, Triq il-Kanun, Triq Qormi, Triq Ġuże Flores, f'Misraħ Santa Venera u f'Misraħ il-Kebbies.
6. Barra minn hekk ser ikunu installati *CCTV's* fil-playground tal-Palazz l-Aħmar li huma inklużi fil-proġett.

79.7 Is-Sindku ppropona l-emendi għal din il-mozzjoni u s-Sur Silvio Vella ssekonda dawn l-amendi. Dawn l-emendi għaddew b'4 voti favur u 2 voti kontra.

## Kunsiderazzjonijiet u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati

Ma ġewx ippreżentati rapporti tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitat.

Fid-9.10 ta' filgħaxija, is-Sur Horace Anastasi u s-Sur Darren Carabott ħarġu mill-laqgħa bi protesta.

## 79.8 Kunsiderazzjonijiet u Approvazzjonijiet tal-Iskeda tal-Pagamenti

79.8.1 L-Iskeda tal-pagamenti flimkien mal-Petty Cash ġew diskussi u approvati unanimament mill-membri kollha wara li ġew imwieġba xi mistoqsijiet.

## 79.9 Ilmenti

Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li hemm pendenti fis-sistema minn numru 599 sa lment numru 674.

| | |
|---|---|
| 599 | Ħaddiema Assenjati |
| 600 | Transport Malta |
| 601 | B.Grima & Sons |
| 602 | Ħaddiema Assenjati |
| 603 | Planning Authority |
| 604 | Ħaddiema Assenjati |
| 605 | B.Grima & Sons |
| 606 | 1. Zebra Crossing fuq il-Pont - Transport Malta<br>2. Parkeġġ Residenzjali – Ma jistax isir<br>3. Rifjutata |
| 607 | Rifjutata |
| 608 | Ġardinar |
| 609 | Ħaddiema Assenjati |
| 610 | Ħaddiema Assenjati |
| 611 | Ħaddiema Assenjati |
| 612 | Ħaddiema Assenjati |
| 613 | Manutenzjoni – Works Division |
| 614 | Ħaddiema Assenjati |
| 615 | Ħaddiema Assenjati |
| 616 | Ħaddiema Assenjati |
| 617 | Ħaddiema Assenjati |
| 618 | Ħaddiema Assenjati |
| 619 | Ħaddiema Assenjati |

| | |
|---|---|
| 620 | Ħaddiema Assenjati |
| 620 | Ħaddiema Assenjati |
| 621 | Ħaddiema Assenjati |
| 622 | Jindikalna l-post eżatt |
| 623 | Logographics |
| 624 | Transport Malta |
| 625 | Ħaddiema Assenjati |
| 626 | Propjeta Privata |
| 627 | Ħaddiema Assenjati |
| 628 | Micamed |
| 629 | Greenpak |
| 630 | Enforcement – Twaħħal avviż bil-ħinijietntal-ġbir tal-iskart |
| 631 | 1. Refresh - Ħaddiema Assenjati<br>2. B.Grima & Sons |
| 632 | Transport Malta |
| 633 | Contrqacts Manager |
| 634 | B. Grima & Sons |
| 635 | Pulizija |
| 636 | Rifjutata |
| 637 | Ħaddiema Assenjati |
| 638 | Ġa hemm dogbin |
| 639 | B. Grima & Sons |
| 640 | Rifjutata |
| 641 | Ħaddiema Assenjati |
| 642 | Issir la jispiċċa x-xogħol |
| 643 | Ħaddiema Assenjati |
| 644 | Ħaddiema Assenjati |
| 645 | Rifjutata |
| 646 | Enforcement – Green Wardens |
| 647 | Ħaddiema Assenjati |
| 648 | Ħaddiema Assenjati |
| 649 | Ħaddiema Assenjati |
| 650 | Gauci Borda |
| 651 | Ħaddiema Assenjati |
| 652 | Ħaddiema Assenjati |
| 653 | Ħaddiema Assenjati |
| 654 | Ħaddiema Assenjati |
| 655 | Enforcement |
| 656 | Ħaddiema Assenjati |
| 657 | Ħaddiema Assenjati |
| 658 | Ħaddiema Assenjati |
| 659 | Ħaddiema Assenjati |
| 660 | Ħaddiema Assenjati |
| 661 | Ħaddiema Assenjati |
| 662 | Transport Malta |

| | |
|---|---|
| 663 | Letter Sent |
| 664 | Konfini Birkirkara |
| 665 | Ma ġewx identifikati 6 ħwienet |
| 666 | Ippjanata li ssir fil-futur |
| 667 | Micamed |
| 668 | Ġardinar |
| 669 | Servizz.gov |
| 670 | Transport Malta |
| 671 | Transport Malta |
| 672 | Transport Malta |
| 673 | Transport Malta |
| 674 | Ħaddiema Assenjati |
| 675 | Transport Malta |

## 74.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa intemmet fid-9.30 pm u ġiet aġġornata għat-18 ta' Diċembru, 2017, fis-6.30pm.

Konfermati, illum 18 ta' Diċembru, 2017

IFFIRMATA
Stephen Sultana
Sindku

IFFIRMATA
Jane Yvonne Spiteri
Segretarju Eżekuttiv